MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf numru: 235/15LM

**C. Fino & Sons Limited (C 2468)**

**vs.**

**John Tanti (K.I. 110757M) u Marlene Johnson Grima (K.I. 117463) *proprio* u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Jade Limited (C 9145)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **C. Fino & Sons Limited** (C 2468) (minn issa 'l quddiem "is-soċjeà attriċi"), li ġie preżentat fit-12 ta' Marzu, 2015 u li jaqra kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà esponenti daħlet f'kuntratt ta' appalt għal numru ta' xogħlijiet (inkluż joinery works) datat l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-manifattura, fornitura u installazzjoni ta' bibien u diversi mobbli oħra kif aħjar deskritti fl-istess kuntratt ta' appalt għall-intimati, fuq inkarigu tagħhom stess (kopja tal-ftehim annessa u mmarkata Dok CFS1[1]);*

2. *Illi konsegwentement, l-intimati għamlu diversi ordnijiet ulterjuri, liema ordnijiet ġew debitament fatturati mis-soċjetà esponenti (kopja tal-ordinijiet ulterjuri kollettivament immarkati bħala Dok CFS2[2]);*

3. *Illi dawn ix-xogħlijiet kollha ġew debitament esegwiti mis-soċjetà mittenti skond kif miftiehem u l-istallazzjoni ġiet debitament esegwita fil-fond "Places", Ball Street, Paceville, San Ġiljan;*

4. *Illi l-prezz globali ta' dawn ix-xogħlijiet dovut mill-intimati jammonta għal mitejn erbgħa u disgħin elf u erba' mija u tnejn u għoxrin euro u tmintax-il ċentezmu (€294,422.18), u dan kif spjegat fl-istatement anness u mmarkat bħala Dok CFS3[3]);*

5. *Illi minn dan l-ammont, u kif jidher mill-istess statement, l-intimati ħallsu s-somma ta' mitejn sitta u sebgħin elf u sitt mija tmienja u sittin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€276,668.78);*

6. *Illi l-aħħar pagament imwettaq mill-intimati sar permezz ta' bank draft (kopja annessa u mmarkata Dok CFS4[4]);*

7. *Illi għaldaqstant il-bilanċ li għadu dovut lill-esponenti huwa ta' sbatax-il elf u sebgħa mija u tlieta u ħamsin euro u erbgħin ċentezmu (€17,753.40);*

8. *Illi minkejja li ġew debitament interpellati anke permezz ittra uffiċjali tat-13 ta' Settembru 2013 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok CFS5[5]), il-*

[1] *Contract Agreement* a fol. 7 u appendiċi A sa D a fol.8 sa 16 tal-proċess.
[2] A fol. 17 sa 37 tal-proċess
[3] A fol. 38 tal-proċess.
[4] A fol. 39 tal-proċess.
[5] A fol. 40 sa 49, bid-debiti notifiki.

*konvenuti baqgħu inadempjenti, ħlief li ħallsu l-pagament akkont suċċitat ossija dak permezz tal-bank draft datat ħmistax (15) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbgħax (2014);*

9. *Illi safejn jaf l-esponenti, il-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jressqu;*

10. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa lir-rappreżentanti legali tal-esponenti personalment u qed jiġu kkonfermati fl-affidavit anness u mmarkat Dok CFS6[6];*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1) *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma solidament bejniethom debituri fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf u sebgħa mija u tlieta u ħamsin euro u erbgħin ċenteżmu (€17,753.40);*

3) *Tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sbatax-il elf u sebgħa mija u tlieta u ħamsin euro u erbgħin ċenteżmu (€17,753.40) bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' kull fattura rispettiva.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandati ta' qbid numru 307/15HG/2015 kontra l-intimati, minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' April, 2015, fejn il-Qorti, wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-konvenuti, akkordat lill-konvenuti għoxrin (20) jum

[6] A fol. 50 tal-proċess.

għall-preżentata ta' risposta maħlufa stante li kien jidher li hemm eċċezzjonijiet x'jingħataw.

Rat r-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **John Tanti** u **Marlene Johnson Grima *proprio* u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Jade Limited** (C 9145) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet preżentata fit-12 ta' Mejju, 2015 u li ġiet maħlufa minn John Tanti, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi l-kawża kif intavolata hija intempestiva stante li x-xogħlijiet miftiehma fil-kuntratt ta' appalt miftiehem għadu ma ġiex eżegwit fil-kompletezza tiegħu;*

2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, sabiex il-kuntrattur jipprova jirranġa xi nuqqasijiet fix-xogħlijiet tiegħu, huwa għamel xi alterazzjonijiet liema alterazzjonijiet mhux finalizzati u saħansitra qiegħed jippretendi ħlas ulterjuri, kompriż fit-talba għall-ħlas minnu magħmula;*

3. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, xi wħud mill-oġġetti provduti mill-appaltatur, ma kinux idonei għax-xogħol intiż, u fi kwalunkwe każ ma kinux tal-kwalità pattwita, u minkejja li l-appaltatur ġie infurmat b'dan, mhux talli tali oġġetti ma ġewx sostitwiti b'oġġetti idoneji, iżda saħansitra qed jitlob il-ħlas għalihom;*

4. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra u jew ulterjuri u b'riżerva da parti tal-konvenuti odjerni fil-konfront tas-soċjetà attriċi, għad-danni sofferti mill-istess konvenuti odjerni.*

*Għar-raġunijiet kollha premessi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti li ġew esebiti.

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru, 2016 fejn ingħataw termini għan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Din il-kawża tittratta talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' ħlas allegatament dovut mill-konvenuti lis-soċjetà attriċi *ai termini* ta' kuntratt ta' appalt għall-manifattura, fornitura u istallazzjoni ta' bibien u diversi mobbli oħra fl-istabbiliment *club, bar* u *restaurant* "Places" f'Paceville, fuq inkarigu tal-konvenuti. Il-prezz globali għal dawn ix-xogħlijiet, skont is-soċjetà attriċi kien jammonta għas-somma ta' €294,422.18[7] u li minnhom il-konvenuti ħallsu s-somma ta' €276,668.78. Dwar dan l-ammont imħallas, m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar il-bilanċ ta' €17,753.40, 'il għaliex filwaqt li s-soċjetà attriċi ssostni li hija eżegwiet skont is-sengħa u l-arti l-kuntratt tal-appalt kif kien miftiehem mal-konvenuti u l-imsemmi bilanċ għalhekk huwa dovut, il-konvenuti min-naħa tagħhom jikkontendu li l-ħlas tal-bilanċ inkwistjoni għadu mhuwiex dovut għax l-appalt ma ġiex

[7] Ara *statement* a fol. 38 anness mar-Rikors Maħluf, ippreżentat ukoll minn Kevin Tabone a fol. 67 u kif ukoll mill-konvenut John Tanti, a fol. 83.

eżegwit b'mod sħiħ peress li għad hemm xi tiswijiet xi jridu jsiru mis-soċjetà attriċi li għadhom ma sarux u ċjoè (a) tibdil ta' tapizzerija f'xi sufanijiet li kienet qiegħda tiċċarrat b'użu normali; (b) tibdil ta' ċappetti interni f'diversi bibien interni peress li dawk installati mis-soċjetà attriċi ma kinux jifilħu għall-piż tal-bibien u (ċ) tibdil ta' 12-il banketta (*bar stools*) tal-metall, li skont il-konvenuti ma ġewx maħdumin sew għall-użu fl-istabbiliment tal-konvenuti, 'il għaliex kienu qegħdin jinqasmu minn isfel b'użu normali.

Illi inoltre l-konvenuti jsostnu illi l-imsemmi bilanċ ta' €17,753.40 mhuwiex kollu dovut, 'il għaliex dan il-bilanċ jinkludi wkoll xi ammonti li jirrappreżentaw xogħlijiet rimedjali li s-soċjetà attriċi kienet tenuta li twettaq skont il-kuntratt tal-appalt, fiċ-ċappetti tal-bibien u fit-tapizzerija tas-sufanijiet, u għalhekk dawn l-ammonti ma kellhomx jiġu inklużi fl-imsemmi bilanċ. Illi minn eżami tal-irċevuti li ġew ippreżentati kemm mis-soċjetà attriċi u kemm mill-konvenuti, il-Qorti tassumi illi l-konvenuti fil-fatt qegħdin jagħmlu riferiment għas-segwenti tiswijiet: *'repairs of sofa: €295.00*[8]*'* u '*reupholstery and repairs of sofa: €590'*[9], iżda ma jidhirx li ġew ippreżentati *invoices* fir-rigward ta' tibdil ta' ċappetti.

---

[8] A fol. 29 u 97 tal-proċess.
[9] A fol. 33 u 101 tal-proċess.

## Ikkunsidrat:

Il-kuntratt ta' appalt konkluż bejn il-partijiet fl-10 ta' Settembru, 2010[10] fi klawsola 2 kien jistipula illi *"In consideration of the payments to be made by the Owner to the Contractor as hereinafter mentioned, the Contractor hereby covenants with the Owner to execute and complete the Works and remedy any defects therein".* Fi klawsola 3 dan il-kuntratt kien jgħid illi *"the Owner hereby covenants to pay the Contractor in consideration of the execution and completion of the Works and the remedying of defects therein the contract price or such other sum as may become payable under the provisions of the Contract Agreement at the times and in the manner prescribed by the Contract Agreement."* Illi għalhekk il-prezz miftiehem f'dan il-kuntratt tal-appalt, apparti li jkopri l-eżekuzzjoni u t-tlestija tax-xogħlijiet pattwiti, mhux neċessarjament ikopri wkoll ix-xogħlijiet rimedjali li jkunu meħtieġa minħabba xogħol diffettuż.

## Il-provi

Illi l-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[11], li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus*

---

[10] A fol. 7 tal-proċess.
[11] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe*** *vs.* **Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.

*probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif diġà ġie kkonstatat aktar 'il fuq, ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont ta' xogħol li sar skont il-kuntratt tal-appalt bejn il-kontendenti, iżda biss fuq jekk ċerti xogħlijiet partikolari sarux sew, skont l-arti u s-sengħa u għall-użu normali fl-istabbiliment tal-konvenuti u jekk is-soċjetà attriċi għandhiex titħallas għal dan ix-xogħol jew għax-xogħlijiet rimedjali meħtieġa.

Illi peress li l-allegazzjoni ta' xogħol difettuż qiegħda issir mill-konvenuti, jispetta lilhom li jagħmlu l-prova ta' dan sal-grad li trid il-liġi.

Illi l-konvenuti jallegaw illi kellu jsir tibdil ta' tapizzerija ta' xi sufanijiet li kienet qed tiċċarrat b'użu normali. **Kevin Tabone**[12], *Head of Finance & I.T. Department* tas-soċjetà attriċi jsostni fix-xhieda tiegħu illi l-konvenut John Tanti dejjem kellu kliem ta' tifħir għax-xogħol tas-soċjetà attriċi. Kevin Tabone jgħid li meta twaqfu l-ħlasijiet mill-konvenuti, kien hu bħala l-kap tad-dipartiment tal-finanzi tas-soċjetà attriċi li ltaqa', flimkien ma' impjegati oħra tas-soċjetà attriċi, mal-konvenuti John Tanti u s-sinjura Johnson Grima, u jgħid illi l-konvenuti qatt ma allegaw li waqfu mill-ħlas minħabba xogħol ħażin iżda għax kellhom problemi finanzjarji. L-istess jingħad fix-xhieda tal-

[12] A fol. 65 u 66 tal-proċess.

*Operations Supervisor* tas-soċjetà attriċi, **Charles Gouder**[13], li jsemmi li ftit taż-żmien wara l-ftuħ tal-istabbiliment tal-konvenuti, il-konvenut John Tanti kien ilmenta miegħu kif in-nies li jiffrekwentaw l-istabbiliment tiegħu kienu qegħdin jittrattaw l-għamara li kien hemm fl-istabbiliment, li kienu saħansitra jitfgħu s-sigaretti fis-sufanijiet li kien hemm fl-istabbiliment. Dan ix-xhud qal ukoll li huma bħala soċjetà attriċi kienu biddlu xi tapizzerija tas-sufanijiet minħabba dat-tip ta' ħruq. Skont ix-xhud Charles Gouder, il-konvenut qatt ma ilmenta mas-soċjetà attriċi li t-tapizzerija kienet qed tiċċarrat b'użu normali.

Illi min-naħa tiegħu il-konvenut **John Tanti** waqt ix-xhieda tiegħu[14] ppreżenta sett ta' ritratti[15], li frankament il-Qorti tosserva li kienu juru jew tiċrit fit-tapizzerija wara xi ħruq jew tiċrit fit-tapizzerija kkawżat minn grif. Apparti dan il-konvenuti ppreżentaw rapport tal-**Perit David Drago**[16] mill-*firm* Periti Architecture Project, li kienu ġew inkarigati mill-konvenuti biex jiddisinjaw l-intern tal-istabbiliment tagħhom. Imma dan ir-rapport dwar l-allegati difetti fix-xogħlijiet eżegwiti taħt il-kuntratt ta' appallat inkwistjoni, jagħmel riferiment biss għall-allegati difetti fil-bibien interni u fil-banketti. F'dan ir-rapport ma jissemma xejn dwar is-sufanijiet u l-materjal użat għall-*upholstery* tas-sufanijiet.

---

13 A fol. 68 u 69 tal-proċess.
14 A fol. 79 sa 82.
15 Dok. JT 17 sa 17 a fol. 104 tal-proċess.
16 A fol. 105 sa 109.

Illi għaldaqstant, minn dawn il-provi ossija fl-insuffiċjenza tal-provi li ġew prodotti, il-Qorti issib ferm aktar kredibbli l-verżjoni tas-soċjetà attriċi li x-xogħlijiet li reġgħu saru fuq is-sufanijiet inkwistjoni, u l-*invoices* relattivi maħruġin mis-soċjetà attriċi, kienu konsegwenza ta' ħsarat u vandaliżmu kkważati minn klijenti tal-istabbiliment tal-konvenuti, li sfortunatament ma jibżgħux għall-għamara li ma tkunx tagħhom li kienu jgħarrqu t-tapizzerija bil-ħruq ta' sigaretti u tiċrit volontarju jew negliġenti tagħhom. Il-Qorti hija konvinta li din il-ħsara ma kinitx tort tas-soċjetà għax naqset milli teżegwixxi l-kuntratt skont is-sengħa u l-arti jew għax m'użatx materjal ta' kwalità fl-eżekuzzjoni tal-imsemmija xogħlijiet.

Illi għalhekk fir-rigward tas-sufani u t-tapizzerija tagħhom, il-Qorti tikkonkludi illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti m'għandhomx ireġu u m'għandhomx jitnaqqsu mill-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi l-ammonti indikati fl-*invoices: 'repairs of sofa: €295.00'*[17] u *'reupholstery and repairs of sofa: €590'*[18]. Apparti dan, kieku tassew dan kien każ ta' użu ta' materjal difettuż, l-istess konvenuti kienu mill-ewwel iduru fuq is-soċjetà attriċi hekk kif din ħarġet il-fatturi relattivi u mhux jikkontestawhom biss wara li infetħet din il-kawża.

Illi fir-rigward taċ-ċappetti ta' għadd ta' bibien interni li l-konvenuti jsostnu illi kienu difettużi għax ma kinux jifilħu il-piż tal-bibien, kemm ix-xhud

---

[17] A fol. 29 u 97 tal-proċess.
[18] A fol. 33 u 101 tal-proċess.

**Charles Gouder**[19] u kif ukoll **Jean Carlo Fino**[20] *Managing Director* tas-soċjetà attriċi, xehdu li l-ispeċifikazzjonijiet tal-bibien u taċ-ċappetti kienu skont dak li riedu l-Architecture Project, inkarigati mill-konvenuti u li riedu wkoll l-istess konvenuti, ċjoè li ma jkunux jidhru u li jsiru minn ġewwa.

## Konsiderazzjonijiet legali

Illi fil-kamp tal-appalt, mhijiex ġustifikazzjoni li x-xogħol ma sarx kif suppost jew li mhux tajjeb għall-użu normali tiegħu għax hekk ikun riedu l-kommittenti. L-appaltatur għandu jirreżisti kull indħil tal-kommittenti, jekk kif iridu l-kommittent mhux tajjeb u skont l-arti u s-sengħa.

> *"L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua e deve prestare almeno una capacità ordinaria."*[21]

Illi l-appaltatur huwa obbligat jeżegwixxi l-opra miftiehma skont is-sengħa[22], liema garanzija hi impliċita[23]. Ġie preċiżat f'din l-aħħar sentenza illi jekk ix-xogħol jirriżulta inutili u l-artefiċi kien jaf ukoll li x-xogħol kien kontra s-sengħa, ma kienx imissu għamel dak ix-xogħol. "Kien ikun aħjar għalih li f'każ bħal dan ma jagħmilx ix-xogħol għax inkella jkollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'l quddiem."[24]

---

[19] A fol. 68.
[20] A fol. 75 sa 77.
[21] **Carmelo Scicluna *vs.* Giuseppe Mallia *et***, Appell Civili, 31.05.1929.
[22] **Joseph Zarb *vs.* Carmelo Agius,** P.A., 08.02.1957.
[23] **Sancio De Carlo *proprio et nomine* vs Emmanuele Cumbo *et***, Appell Kummerċjali, 06.02.1956.
[24] **Mario Blackman *vs.* Carmelo Farrugia *et nomine***, Appelli Kummerċjali, 27.03.1972.

Illi filwaqt li l-liġi tagħna ftit titkellem dwar l-obbligi tal-appaltatur, ġie però stabbilit fid-duttrina u fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna[25] illi:

"*Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie. Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opera conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di garantire la solidità delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantità prescritta, nel luogo e colla forma indicati. Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione, di rispondere infine per l'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto ciò che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici.*"[26]

Ingħad f'dan ir-rigward mill-qrati tagħna illi "L-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skont il-liġi."[27]

Dan għaliex: "id-difett tal-kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xogħol ħażin imma anke xogħol esegwit b'materjal ħażin*.*"[28] Ġie in effetti ritenut f'kawża fejn l-appaltatur kien qed ifittex kemm lill-perit kif ukoll lill-kuntrattur għal xogħol ta' kostruzzjoni ta' bini: "li d-difett fil-kostruzzjoni jew fl-art jikkomprendi anke d-difett fil-materjali wżati fil-kostruzzjoni għax il-bontà tal-materjal tidħol fl-ambitu ta' responsabilità tant fuq l-appaltatur kemm ukoll fejn dan jirrikorri fuq l-arkitett li jkun inkarigat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni. Dan billi l-esekuzzjoni tax-xogħol tinvolvi anke l-għażla tal-materjal u l-appaltatur u l-arkitett ma għandhomx

[25] Ikkwotati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) 19.04.2012, **Joe Xerri *et. vs.* Caruana & Cini Company Ltd. *et.***

[26] Marco Vitalevi : Digesto Italiano, Vol. III., pte. 2a, Torino ,1926 # 79 pag. 40 ikkwotat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri) iċċitata fin-nota tal-qiegħ 23.

[27] Kollez. Vol. XLI, p.i, pġ. 892.

[28] Kollez. Vol. XLI, p.i, pġ. 667.

jadoperaw materjali mhux tajba anke jekk is-sid ikun irid li jiġu wżati dawk il-materjali mhux tajba, imma għandhom jirrifjutawhom."[29] Minn dan jitnissel in linea ta' prinċipju illi: "ġialadarba jinkombi b'obbligu fuq l-appaltatur li josserva n-normi ta' indoli teknika fl-esekuzzjoni tal-opra, komprensiv f'dan il-kontroll tal-materjal intiż li jiġi wżat, huwa għandu jastjeni ruħu milli jesegwixxi l-opra jekk ikun deherlu, b'diliġenza ordinarja, illi l-materjal mhux tajjeb jew dan kapaċi 'l quddiem jimmanifesta difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l quddiem."[30]

Sinjifikanti ħafna għall-każ in eżami hija s-segwenti sentenza fejn ġie ribadit illi: "Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Farrugia *vs.* Portelli *et.*** deċiża fid-9 ta' Ottubru, 1987, 'l-appaltaturi ma jistgħux jeżoneraw ruħhom minn responsabilità għax-xogħol li għamlu kontra s-sengħa fuq torba għasra billi jgħidu li dan għamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tas-sid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfaċenti u obbligat jirreżisti kwalunkwe intromessjoni tal-kommittenti. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqegħid ta' madum fuq xaħx imxarrab għasra u riedu jieħdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqgħu responsabbli għax dover tagħhom li jipprestaw opra sodisfaċenti u jirreżistu kwalunkwe intromissjoni ta' min jinkarigahom; (ara wkoll fl-istess vena, id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Jannar 1992, fil-kawża **Galea *vs.* Chircop** u dik mogħtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Marzu 1994, fil-kawża **Bonnici *vs.* Abdilla**). Hekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża **Camilleri Marble Works Ltd. *vs.* Bowd**, deċiża fl-20 ta' Jannar 2003, qalet li kuntrattur għandu jirreżisti kull indħil fix-xogħol tiegħu li jwasslu għall-bini li ma jkunx skont l-arti u s-sengħa."[31]

Illi ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna:

"Jekk, ciononostante, l-appaltatur jesegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħazina (**George Cutajar *vs.* Edward Vincenti Kind *proprio et nomine***, Qorti tal-Kummerċ, 15 ta' Mejju, 1953). F'qagħda bħal din lanqas ma hu meħlus mir-

[29] Kollez. Vol. XXIX, p. I, pġ. 442.
[30] **Mario Blackman *vs.* Carmelo Farrugia *et noe*,** Appell Kumm., 27.03.1972.
[31] P.A., **Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi *vs.* Charles Azzopardi** tat-3.07.2003.

> responsabilità avolja jkun sar il-ħlas ta' l-appalt. Dan għaliex il-verifika u l-approvazzjoni tax-xogħol issir għal finijiet tal-ħlas lill-appaltatur, iżda b'daqshekk dan mhux eżonerat jekk 'il quddiem jiġu riskontrati difetti u mankanzi dovuti għal xogħol ħażin; Dan premess, huwa sew magħruf illi fejn kommittent iħossu insodisfatt bix-xogħlijiet eżegwiti, huma diversi x-xelti ġudizzjali li l-liġi takkordalu għat-tutela tad-drittijiet tiegħu. Ad ezempju, ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt ta' ftehim jew l-eliminazzjoni tad-difetti jew ukoll ta' dawn flimkien purchè subordinata waħda għall-oħra. In aġġunta għal dawn, jew anke mingħajrhom, ir-rimedju tar-riżarċiment tad-danni. Tali jinkwadra ruħu fl-ambitu ta' dik ir-responsabilità kontrattwali minħabba inadempiment konkretizzata f'difettti fix-xogħol. Dan hu sew indott mill-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili li "jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet, u jagħti azzjoni għad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh" (**Raffaele Mallia *vs.* Francesco Portanier *et***, Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936). Ma jistax ma jissemmiex ukoll illi l-kommittenti għandu, għal każ fejn id-difetti ma jkunux sostanzjali, id-dritt ta' azzjoni biex jobbliga lill-appaltatur li jirripara d-difetti jew jaċċetta riduzzjoni fil-prezz. Ara **Angelo Busuttil *vs.* Pio Fedele *et***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta'April, 1968 u **John Bonnici *proprio et nomine vs.* Anthony Sammut**, Appell Kummerċjali, 22 ta' Gunju, 1994.[32]

Illi fir-rapport li sar minn **Architecture Project** fit-12 ta' April, 2015[33], ġie kkonstatat illi l-bibien bdew jiddendlu minħabba xi wieħed minn dawn il-fatturi jew aktar: "*(i) Incorrect selection of hinges in terms of capacity to take the load and use of the door leaf; (ii) Defective or poor quality hinges to take the load and use of the door leaf; (iii) Insufficient number of hinges to take the load and use of the door leaf.*"

---

[32] Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tad-9 ta' Lulju, 2008 (Għawdex ) fl-ismijiet **Tal-Francis Construction Limited *et. vs* Angelo Zarb.**

[33] A fol. 105 sa 109.

Illi min-naħa tiegħu l-konvenut **John Tanti**[34] xehed illi "ċertu *door hinges* li bdew jinkisru matul iż-żmien tal-ewwel ftit xhur. Jien ġbitilhom l-attenzjoni kemm lil Carlo li sal-lum il-ġurnata għad għandi *a very good relationship* miegħu u għidtlu hawnhekk għandna l-problemi. Ġabu l-*owner* tad-*door hinges*, biddluhom u immedjatament dawn il-*hinges* reġgħu .... Iva u reġa' sar l-istess ħaġa over *a few weeks*, reġgħu ibbuckiljaw il-bibien, *nineteen doors.* Għandi *write up* tal-Perit David Drago li ħadu ħsieb ix-xogħlijiet. Wara din iddecidew li jippruvaw ibiddlu d-*door hinges* u biddlu xi tlieta jew erbgħa *with a different door hinge* u Alla jbierek dawk l-erbgħa bibien baqgħu b'saħħithom sal-lum il-ġurnata. Din kienet issuġġerita mill-membru tal-kumpanija Fino. Dawk l-erbgħa bibien baqgħu hemm, għadhom hemm imma l-oħrajn għandi tlieta jew erbgħa minnhom li huma mqaċċtin."

Illi l-appaltatur mhux biss għandu jeżegwixxi x-xogħol mertu tal-appalt, iżda għandu jassikura wkoll li dak ix-xogħol ikun jiswa kemm għal dik li hija bontà kif ukoll għal dik li hija adattabilità għall-użu li għalih l-appaltant ikun għamel l-ordni.[35] Illi mill-ġurisprudenza li sar riferiment għaliha aktar 'il fuq, ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi f'każ fejn id-difetti ma jkunux sostanzjali, il-kommittenti għandu id-dritt ta' azzjoni biex jobbliga lill-appaltatur li jirripara d-difetti jew jaċċetta riduzzjoni fil-prezz.[36] Mix-xhieda tal-istess

[34] A fol. 80 tal-proċess.
[35] **Joe Xerri *et. vs.* Caruana & Cini Company Ltd. *et.,*** Q.A., 19.04.2012.
[36] **Angelo Busuttil *vs.* Pio Fedele *et***, P.A., 09. 04.1968 u **John Bonnici *proprio et nomine vs.* Anthony Sammut**, Appell Kummerċjali, 22.06.1994.

konvenut John Tanti jirriżulta illi f'ċerti istanzi fejn kienu mibdula dawn iċ-ċappetti, il-problema ġiet solvuta.

Illi madankollu in kontroeżami il-konvenut **John Tanti**[37] stqarr illi l-istabbiliment tiegħu "Places", f'Ball Street, Paceville, San Ġiljan fejn saru x-xogħlijiet mertu ta' din il-kawża, kien ilu magħluq għal *"several months"*[38], skont hu biex isir *refurbishing* totali minħabba d-difetti fl-għamara pprovvduta mis-soċjetà attriċi. Iżda jidher però li r-raġuni vera għalfejn l-istabbiliment tal-konvenuti nżamm magħluq għal bosta xhur kienet illi dan ma kienx sejjer daqshekk tajjeb u ngħalaq minħabba problemi finanzjarji, kif fil-fatt isostnu xi xhieda prodotti mis-soċjetà attriċi. Il-Qorti tinsab konvinta illi n-natura tad-difetti fix-xogħlijiet lamentati mill-konvenuti, anke jekk għas-saħħa tal-argument dak li qed jirreklamaw il-konvenuti huwa kollu minnu, ma kinux tali li jwasslu għall-għeluq tal-istabbilment għal diversi xhur. Hekk pereżempju l-kwistjoni taċ-ċappetti difettużi setgħet tirrisolva ruħha bit-tibdil taċ-ċappetti, kif fil-fatt sar fil-każ ta' xi wħud minnhom u żgur li problema ta' din ix-xorta ma kellhiex twassal għall-għeluq tal-istabbilment għal diversi xhur.

Illi skont ix-xhieda tal-konvenut **John Tanti**[39] minn total ta' dsatax-il (19) ċappetta difettużi, erba' (4) minnhom ġew mibdula mis-soċjetà attriċi

[37] A fol. 114 sa 116 tal-proċess.
[38] Depożizzjoni mogħtija waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2016, a fol. 114 *retro.*
[39] A fol. 80.

b'ċappetti tajbin, però skont ir-rapport tal-Perit David Drago[40], li kien aktar eżatt u fid-dettal jgħid li kienu sitta (6) il-bibien li nbidlulhom iċ-ċappetti difettużi b'ċappetti tajbin.

Illi mill-provi prodotti in atti ma tirriżultax ippruvata l-allegazzjoni tal-konvenuti illi s-soċjetà attriċi talbet ħlas addizzjonali għaċ-ċappetti mibdula. Fir-rigward taċ-ċappetti difettużi li baqgħu ma nbidlux, tnax (12) minn total ta' dsatax (19) wara li jitnaqqsu s-sitta (6) mibdula u l-waħda (1) li ma kinetx teħtieġ li tiġi mibdula peress li l-bieb li miegħu twaħħlet ma nħariġlu ebda difett għax kien idjaq mill-oħrajn, il-Qorti qiegħda tordna illi mill-bilanċ pretiż mis-soċjetà attriċi għandha titnaqqas is-somma ta' €80 għal kull ċappetta li jeħtieġ illi tiġi mibdula u għax-xogħol ta' twaħħil ta' dawn iċ-ċappetti fuq il-bibien. Għalhekk għandu jsir tnaqqis totali ta' €960 mill-bilanċ pretiż mis-soċjetà konvenuta għal ċappetti difettużi fir-rigward ta' liema xogħlijiet is-soċjetà attriċi assumiet ir-responsabbiltà meta aċċettat li tibdel uħud minn dawn iċ-ċappetti difettużi.

Illi fir-rigward l-allegati difetti jew ħsarat fi tnax-il (12) banketta (*bar stools*) tal-metall, li skont il-konvenuti ma kinux maħdumin tajjeb għall-użu normali tagħhom fl-istabbiliment tal-konvenuti għax bdew jinqasmu minn isfel b'użu normali, il-konvenut **John Tanti** esebixxa ritratti ta' dawn il-banketti[41]

[40] A fol. 105 sa 109 tal-proċess.
[41] Dok. JT 5 sa 12 a fol. 104 tal-proċess.

kompletament miksura. Il-**perit David Drago**, li bl-ebda mod din il-Qorti m'għandha għalfejn tiddubita mix-xhieda tiegħu, stqarr[42]:

> *"Within a short period of use within the club, the said stools began to fail by buckling within the stem of the stool, close to the apex of the weighted cone base ... Within a short period of time all the said stools failed in the said manner.*
>
> *It is my considered opinion that the failure of the bar stools is due to the inadequate strength of the stool structure at the interface between cone apex and the cylindrical stem when subjected to bending as a result of someone sitting on the stool, and the various forward motions where the people subject the stool to eccentric loading from the stool central axis. Since such loading is an expected condition that bar stools are subjected to, one can conclude that the stool design is inadequate for its intended use".*

Illi dan ir-rapport ma ġiex ikkontestat mis-soċjetà attriċi u kif intqal għar-rigward il-bibien, hawn ukoll ma tapplikax bħala difiża illi għax hekk riduhom il-konvenuti.

Illi dawn it-tnax-il (12) banketta (*bar stool)* skont ix-xhieda tal-konvenut John Tanti, kienu jiswew €450 il-waħda, iżda mill-fatturi esebiti[43] jirriżulta li ġew jiswew €452.54,2 il-waħda, deskritti bħala *12 Bonaldo Sym Stools – chrome plated and upholstered polyurethane seat in black*, total ta' €5,430.51. Il-Qorti tqis illi dan l-ilment tal-konvenuti huwa ġustifikat u għalhekk qiegħda tordna illi din is-somma ta' €5,430.51 għandha tiġi mnaqqsa mill-bilanċ reklamat mis-soċjetà attriċi.

---

[42] A fol. 107.
[43] *Invoice* a fol. 18.

Illi mill-bilanċ reklamat mis-soċjetà attriċi, il-Qorti għaldaqstant sejra tordna li jitnaqqas l-ammont ta' €960 għaċ-ċappetti difettużi u għat-tqegħid tagħhom fil-bibien u s-somma ta' €5,430.51 għall-*bar stools,* u b'hekk il-bilanċ mitlub mis-soċjetà attriċi qiegħed jiġi mnaqqas għal €11,362.90.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

i. **tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ħlief għat-tielet eċċezzjoni, li qed tiġi milqugħha limitatament għar-rigward ta' xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà attriċi konsistenti f'ċappetti tal-bibien u *bar stools* difettużi;**

ii. **tilqa' it-tieni talba tas-soċjetà attriċi limitatament għas-somma ta' ħdax-il elf, tliet mija u tnejn u sittin euro u disgħin ċenteżmu (€11,362.90);**

iii. **tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti huma solidament bejniethom debituri fil-konfront tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' ħdax-il elf, tliet mija u tnejn u sittin euro u disgħin ċenteżmu (€11,362.90);**

iv. **Tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi is-somma ta' ħdax-il elf, tliet mija u tnejn u sittin**

**euro u disgħin ċenteżmu (€11,362.90) bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' kull fattura rispettiva.**

**L-ispejjeż jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.